MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF

## DAVID SCICLUNA

Seduta tal-15 ta' April, 2015

Appell Kriminali Numru. 172/2013

**Il-Pulizija**

**v.**

**Silvio Curmi**

**Il-Qorti:**

**1.** Rat l-imputazzjonijiet miġjuba mill-Pulizija Eżekuttiva kontra Silvio Curmi, karta ta' l-identita` numru 81574(M), quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli nhar-is- 16 ta' Jannar 2013 għall-ħabta ta' 04:30 waqt li kien ġewwa Triq il-Fieres, Kirkop:

(1) ħebb kontra l-persuna ta' martu Jacqueline Mary Curmi sabiex jinġurjaha, idejjaqha jew sabiex jagħmel ħsara lil din il-persuna jew lil ħaddieħor;

(2) bl-imġieba tiegħu kkaġuna lil martu Jacqueline Mary Curmi biża' li ser tintuża vjolenza kontriha jew kontra l-proprjeta` tiegħu jew kontra l-persuna jew

il-proprjeta` ta' xi ħadd mill-axxendenti, dixxendenti, aħwa subien jew bniet, jew xi persuna oħra msemmija fl-artikolu 222(1) tal-Kodiċi Kriminali.

Il-Qorti ġiet mitluba li f'każ ta' ħtija tapplika l-artikolu 383 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta; kif ukoll toħroġ Ordni ta' Protezzjoni skond l-artikolu 412C Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta u dan għas-sigurta` ta' Jacqueline Mary Curmi.

**2.** Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali mogħtija fil-15 ta' April 2013 fejn dik il-Qorti, wara li rat l-artikoli 339(1)(d), 251B(1), 383(1) u 412C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, ma sabitx lill-imsemmi Silvio Curmi ħati tat-tieni imputazzjoni u minnha lliberatu iżda sabitu ħati ta' l-ewwel imputazzjoni u kkundannatu twiddiba u ċanfira;

**3.** Rat ir-rikors ta' appell ta' l-istess Silvio Curmi ppreżentat fit-22 ta' April 2013 fejn talab li din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha fejn sabitu mhux ħati tat-tieni imputazzjoni u tilliberah fejn sabitu ħati ta' l-ewwel imputazzjoni u kkundannatu ċanfira u twiddiba, u għalhekk tneħħi l-piena imposta;

**4.** Rat l-atti kollha tal-kawża; rat il-fedina penali aġġornata ta' l-appellant esebita mill-prosekuzzjoni b'ordni ta' din il-Qorti; semgħet ix-xhieda; semgħet it-trattazzjoni; ikkunsidrat:

**5.** L-aggravju ta' l-appellant jirrigwarda l-apprezzament li għamlet l-ewwel Qorti tal-provi li jirrigwardaw l-ewwel imputazzjoni. Huwa jgħid:

> "1. Illi dan hu każ ċar fejn mara li tbati minn kondizzjoni psikoloġika qed tagħmel ħajjet l-esponent u uliedu impossibbli. Illi mhuwiex minnu li l-appellant b'xi mod imbotta lil martu jew ħebb għaliha. Kienet hi li pprovokat u aggrediet lill-appellant għal xejn b'xejn – ma hemm ebda prova tal-allegata aggressjoni. U anke jekk emmnuta l-mara stess qalet li din kienet imbottatura żgħira.
>
> "2. Illi dan mhux l-ewwel każ fejn din il-mara għamlet akkużi simili fuq żewġha kif turi s-sentenza annessa bħala Dok. A – f'dan il-każ li nstema u ġie deċiż biss jumejn qabel dan il-każ, l-esponent kien ġie liberat.
>
> "3. Illi din il-mara stqarret li żewġha niżel isfel b'rabja pero` kull ma għamel kien li mbuttaha – pero` wara tammetti li reġgħet telgħet warajh meta hu mar fuq. Dan ma jagħmilx sens għax jekk tassew hi kienet qed tibża' mill-akkużat allura kienet taħrab minnu u mhux titla' fuq tiġri warajh.
>
> "4. Illi fl-agħar ipoteżi għall-akkużat hemm konflitt qawwi fil-provi u a bażi ta' dan il-konflitt l-appellant għandu jiġi liberat mill-akkużi kollha.
>
> "5. Illi hu evidenti li hemm konflitt fil-provi li huwa biżżejjed biex joħloq dubbju dettat mir-raġuni dwar l-akkużi li ġew miġjuba kontra l-appellant.

> "6. Illi l-Aġenzija APPOĠĠ fuq talba tal-appellant qed tinvestiga dak li qed jiġri f'din il-familja sabiex jiġi garantit il-benessere tat-tfal. L-iskola tat-tfal (Chiswick) ukoll qed tagħmel monitoraġġ tat-tifel sabiex jiġi aċċertat li l-istess tifel ma jbatix b'konsegwenza tal-kondizzjoni ta' ommu. Dan kollu ġie mibdi mill-appellant li żgur ma kienx ikun jaqbillu jibdieh kieku hu kellu x'jaħbi.
>
> "7. Illi l-esponent irid jgħin lil martu pero` mingħajr il-ko-operazzjoni tagħha dan jista' jkun diffiċli ħafna. L-esponent pero` fuq kollox jinsab inkwetat dwar it-tfal li qed iqattgħu ħafna ħin ma' din il-mara."

**6.** L-aggravju ta' l-appellant jirrikjedi apprezzament mill-ġdid tal-provi. F'dan ir-rigward il-ġurisprudenza in materja ta' din il-Qorti hi ċara u kostanti fis-sens li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament tal-provi li tkun għamlet l-ewwel Qorti jekk mhux għal raġunijiet gravi, b'mod li din il-Qorti tirrevedi l-apprezzament ta' dik il-Qorti fl-eventwalita` biss li l-ewwel Qorti ma setgħetx raġjonevolment u legalment tasal għall-konklużjonijiet li waslet għalihom fuq l-iskorta tal-provi prodotti. Kwantu għall-fatt li, skond l-appellant, hemm żewġ verżjonijiet konfliġġenti, kif ġie ritenut minn din il-Qorti diversi drabi, mhux kull konflitt fil-provi għandu awtomatikament iwassal għal-liberazzjoni tal-persuna akkużata.

**7.** M'hemm l-ebda dubju illi fil-każ odjern hemm verżjonijiet djametrikament opposti in kwantu mart l-appellant tgħid li l-appellant imbottaha darbtejn filwaqt illi l-appellant ċaħad li mbotta lil martu jew b'xi mod missha fil-ġurnata in kwistjoni. Irid jingħad illi fl-ebda mument ma tgħid Jacqueline Mary Curmi illi żewġha mbottaha "bis-saħħa", kif timplika l-prosekuzzjoni.

**8.** Issa, huwa ċertament verosimili li koppja f'sitwazzjoni bħalma jinsabu fiha l-konjuġi Curmi jgħaddu kummenti xejn kumplimentużi lil xulxin u jakkużaw lil xulxin b'"ħebb". Hija sfortuna kbira li inċidenti simili kemm-il darba jseħħu fil-preżenza tat-tfal, bir-riżultanti trawma li dan ikun ifisser għalihom. Fil-każ in eżami, m'hemmx dubju illi mart l-appellant kienet fi stat ta' paniku minħabba dak li ġara lit-tifel iż-żgħir tagħha (li għamel numru ta' siegħat bil-lejl jirremetti) u ppruvat tieħu ħsiebu waħedha peress illi hija kienet qed tuża kamra tas-sodda fis-sular t'isfel u kellha magħha lil dak it-tifel filwaqt illi l-appellant kien rieqed fuq mat-tifel il-kbir. Kwantu għall-appellant, ma taħsibx illi seta' żamm l-istess kalma u serenita` li kellu waqt li kien qiegħed jixhed quddiem din il-Qorti meta għall-ħabta ta' l-4.00 a.m. qam u sema' lil martu tgħajjat fuq it-telefon (kienet qed tkellem lil ommha dwar dak li ġara lit-tifel). Naturalment ma jidhrilhiex illi tista' tittraskura dak li qal l-istess appellant illi huwa kien ingħata pariri biex jevita konfrontazzjonijiet u illi hu stess insista mal-Qorti tal-Familja sabiex jiġu nominati esperti biex jeżaminaw is-sitwazzjoni kollha. Huwa veru illi hemm ċerta kontradizzjoni bejn dak li qalet Agnese Attard, omm Jacqueline

Mary Curmi, li xehdet illi meta bdiet tipprova taqbad lil bintha fuq il-*mobile*, mat-tielet tentattiv bintha qaltilha biex iċċempel lill-Pulizija għax *"I am being attacked by my husband"*, u dak li xehdet mart l-appellant, li qalet biss li żewġha mbottaha u mhux li attakkaha. Kif ingħad fis-sentenza mogħtija minn din il-Qorti diversament presjeduta fid-9 ta' Mejju 1997 fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Joseph Pace**, "biex persuna tħebb kontra persuna oħra ma hemmx għalfejn li effettivament ikun hemm kuntatt fiżiku; biżżejjed li jkun hemm il-potenzjalita` ta' tali kuntatt permezz tal-manifestazzjoni ta' forza fiżika indirizzata lejn dik il-persuna.... Jekk ikun hemm kuntatt fiżiku *multo magis* wieħed jista' jgħid li wieħed ħebb għal persuna oħra, sakemm il-fatt ma jammontax għal xi reat ieħor jew reat aktar gravi." Imbottatura tista' tiġi interpretata bħala tali manifestazzjoni. Fil-każ in eżami, fir-rikors ta' appell tiegħu l-appellant jgħid li kienet martu li pprovokatu u aggredietu. Meta xehed quddiem din il-Qorti fl-ebda mument ma allega li martu kienet aggredietu u li hu rreaġixxa għal tali aggressjoni. Jidher għalhekk illi l-ewwel Qorti setgħet legalment u raġjonevolment tikkonkludi illi kien hemm l-imbottatturi li semmiet mart l-appellant. Fil-fehma ta' din il-Qorti, pero`, dan kien każ *de minimis* u l-imbottaturi kienu mhux sabiex l-appellant b'xi mod jinġurja jew jagħmel ħsara lil martu iżda, l-aktar l-aktar, biex idejjaqha. Fil-fatt l-ewwel Qorti wkoll ittrattat il-każ bħala wieħed *de minimis* meta ddeċidiet li tikkundanna lill-appellant biss għal twiddiba u ċanfira.

**8.** Għal dawn il-motivi tiddeċiedi billi tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata, b'dan illi jiġi speċifikat illi l-"ħebb" kien biss biex idejjaq lil martu.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------